SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 60/K9/23**

Data tal-laqgħa: 10 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Adrian Dominic Ellul - Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
Victor Vella – Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

**Assenti:** (1) Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

60.1.01 Il-Vici-Sindku Clayton Luke Mula talab li jigi skużat għal-din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**60.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

60.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 59/K9/23.

60.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti.

60.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 59/K9/23.

60.2.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

60.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**60.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

60.3.01 Ġnien Spinola – Saret laqgħa mal-FTZD fejn kien hemm preżenti diversi persuna, fejn ingħatat preżentazzjoni ta' x' ser ikun qed isir f'dan il-proġett ġewwa dan il-Ġnien. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li ser ikun qiegħed jiddedika miljun ewro għal Proġett ta' Ġnien Spinola.

60.3.02 Flus tal-proġett ta' Pawlu Xuereb – Saret lista ta' x'ser ikun qiegħed jiġi propost li jsir b'dawn il-flus.

60.3.03 Dwar Sqaq is-Siġra, ser inkunu qed napplikaw mat-Transport Malta sabiex din issir one way. Filwaqt li ser tintalab lill-Transport Malta sabiex Telghet Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Bajja tinqaleb l-one way sign jigifieri it-traffiku jgħaddi minn Telgħet Birkirkara għal Triq il-Bajja u mhux kif qeda fil-preżent jiġifieri t-traffiku jiġi minn Triq il-Bajja għal Telgħet Birkirkara.

60.3.04 Saret laqgħa dwar l-e-scotters mat-Transport Malta. Ġejna nfurmati li Transport Malta ma tistax tibda tagħmel il-parkeġġi għal e-scotters qabel ma ssir ir-riforma.

60.3.05 Ġnien Saver Żarb – saret laqgħa onsite bejn il-Perit tal-Kunsill kif ukoll il-Perit ta' Derek Garden Centre. Jidher li kien hemm qbil fejn ser tkun qed tintbagħat pjanta u x-xogħolijiet jkunu jistgħu jitkomplew.

60.3.06 Dwar ir-residential parking, ġew ippreżentati diversi toroq. Din il-lista ser tkun qed tintbagħat lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

60.3.07 Dwar il-korsijiet tal-Lifelong Learning, huwa ġie avviċinat min-naħa tal-Lifelong learning li dawn ma jistgħux jsiru minħabba li mhemmx għalliema, il-Kunsillier Martin Sultana offra li huwa lest li jgħallem volontarjat fir-rigward it-tagħlim tal-komputer. Huwa ser ikun qed joffri wkoll ismijiet ta' persuni li jistgħu jagħmlu volontarjat għal dawn il-korsijiet.

60.3.08 Ġewwa Triq il-Kbira kien hemm żewġ problemi, din it-triq ser tkun qed issir min-naħa ta' Infrastucture Malta filwaqt li l-parti ta' Telgħet Birkirkara li għad trid issir din ser tkun qed issir min-naħa ta' Infrastructure Malta, filwaqt li dwar il-bankini qed isiru taħdidiet mal-persuna li qed tibni id-dar ta' l-anzjani.

60.3.09 Triq Charles Sciberras – il-biċċa fejn kienet imħarbta, din tlestiet

60.3.10 Ser tintbagħat ittra lill-AKL, c.c. MTA u l-Ministeru tal-Ambjent, Ministeru tat-Turismu, u l-Ministeru tal-Gvern Lokali, dwar il-legal notice 221 & 222/2023 li nħarġet fuq il-lista tal-Condominum fejn il-Kunsill għandu jkun l-persuna li jitkellem dirett mal-Malta Tourism Authority.

60.3.11 Ser jibdew jsiru road markings ġo diversi toroq ġewwa San Ġiljan. Dawn qed isiru min-naħa Infrastructure Malta. Dawn ix-xogħolijiet ser jibdew minn din il-ġimgħa.

60.3.12 Bejn it-29 u 31 ta' Ottubru 2023 ser ikunu qed jiġu 4 persuni min-naħa ta' l-Ungerizi.

60.3.13 It-triq bejn Xatt ta' San Ġorġ u Triq Walter Ganado, kien hemm qbil bejn il-Kunsill ta' Pembroke u San Ġiljan, li wara d-dizgrazzja li saret u kien miet il-Pumpier Joseph Zammit, din tiġi msemmija għalih. Din it-talba diġa ntbagħatet lill-istreet naming committee għal-approvazzjoni.

**60.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

60.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana, staqsa dwar il-vann ta' l-anzjani huwa ġie nfurmat li nħareġ it-tender. Wieħed mill-impjegati tal-Kunsill ser ikunu qed jagħmlu din ir-rotta. Staqsa dwar tappieri li hemm li imkissrin biex jinbidlu għal ħadid ġewwa Triq Lapsi. Staqsa dwar il-go to parkings, fejn talab li jitneħħew ir-road markings, huwa ġie nfurmat li din tgħattiet it-tabella biss, u ir-road

markings għalissa ma jistgħux jitneħħew fuq ordni min-naħa tat-Trasport Malta.

60.4.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar kiosk li qed jarma ġewwa Triq Birkirkara.

60.4.03 Il-Kunsillier Victor Vella, tkellem dwar iż-żewġ kmamar li hemm ħdejn il-Neptunes. Huwa staqsa dwar iċ-ċinta li hemm ġewwa Triq il-Kbira, Tkellem dwar oġġezzjoni dwar Tapea Restaurant dwar parmessi għal tables & chairs.

60.4.04 Il-Kunsillier Martin Sultana ġie skużat fis-7.10p.m.

60.4.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, staqsiet dwar hawker li qed jarma bla permess ġewwa l-Balluta. Ser inkunu qed inkellmu lill-Pulizija. Staqsiet dwar jekk hemmx xi tnaqqis għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw ġewwa l-car park tal-Marriot Hotel. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiċċekja.

60.4.06 Iċ-Ċermen spjega dwar monument li ġie propost fejn ħa jsir. Il-Monument huwa magħmul mir-radam ta' fejn ġie splodut l-Imħallef Falcone.

**60.5 Talbiet żgħar**

**60.5.01 Email dwar il-Festa ta' San Ġiljan;**

60.5.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'ittra ta' ringrazzjament.

**60.5.02 Korrispondenza dwar is-siti tal- *EV Charging Pillars***

60.5.02.01 Il-Kunsilliera ser ikunu qed jiltaqgħu fuqha u jiddiskutuha.

**60.5.03 Email mingħand l-AKL dwar Cirk AKL 2023/087 – Open Call for Members – Integrating Generative AI in Adult Education: Empowering Teachers, Trainers and Facilitators.**

60.5.03.01 Din ser inkunu qed niċċekjaw fuqha.

**60.5.04 Email dwar Health Awareness**

60.5.04.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill u ser inkunu qed ntellawa facebook.

**60.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

60.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6042 sa 6051. (Ara Appendiċi 'A')

60.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**60.7 Skeda tal-Pagamenti**

60.7.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

60.7.02 Il-Kunsillier Victor Vella ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

60.7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

**60.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

60.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru 2023 fil-laqgħa 5.00p.m.

60.8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 14 ta' Novembru 2023**